MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 309/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Chircop talli:

1) F’dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Marzu 1998, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta

ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, f'cirkostanzi li juru li din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) F'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Dicembru 1997, u l-hames xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

3) F'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Dicembru 1997, u l-hames xhur ta' qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew gall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

4) F’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’ Marzu, 1998, kellu fil-pussess tieghu medicini specifikati u psikotropici, meta ma kienx awtorizzat kif imiss.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabilita mil-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Chircop hati ta’ l-ewwel imputazzjoni limitat ghall-pussess semplici u liema imputazzjoni hija assorbita fit-tieni wahda, hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet kif dedotti u mhux hati tar-raba’ imputazzjoni, mil-liema imputazzjoni qed tilliberah, u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sena u ghall-hlas ta’ multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300), u inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga u ta’ l-esebiti taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joseph Chircop ipprezentat fis-7 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tar-raba’ imputazzjoni, u ta’ l-aggravju taht l-ewwel imputazzjoni, izda thassara fil-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel (riferibbilment ghall-pussess semplici), it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minnhom tilliberah skond il-ligi; subordinament f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellatta fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) mir-rizultanzi processwali ma jirrizultawx sufficjentement u sal-grad rikjest mil-ligi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu; (2) l-istess jinghad dwar l-ewwel imputazzjoni fejn il-kwistjoni tac-cavetta tal-garaxx ghandha hafna rilevanza; (3) il-piena hija eccessiva.

L-ewwel u t-tieni aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u**

**serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant isostni li jirrizultaw provi li jixhtu dubbju dettat mir-raguni fuq it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni kien Enzo Pulis li, skond l-appellant, il-verzjoni tieghu mhijiex sostenibbli. Jirreferi l-ewwelnett ghall-kuncett taz-zmien allegatament inkriminanti ghall-appellant, cioe` d-data prospettata mill-prosekuzzjoni tat-22 ta' Dicembru 1997 u l-hames xhur ta' qabel, u jghid:

“Issa, l-imsemmi xhud principali tal-prosekuzzjoni jaghti diversi stqarrijiet, fosthom anki bil-gurament. In sintezi jghid li darba fost l-ohrajn kien mar ma' certu Risiott hdejn it-Track Bar, hemmhekk iltaqa' ma' certu Parapettu, liema Parapettu kien tah id-droga, wara li allegatament dan il-Parapettu kien mar ikellem lill-esponent li kien qieghed fil-jeep. Imbaghad jghid li wara din l-okkazjoni beda jmur direttament ghand l-esponent f'garaxx B'Kara biex igib l-eroina, u dana ghal madwar hames xhur. B'hekk suppost ghandna d-data tat-22 ta' Dicembru 1997 u l-hames xhur ta' qabel din id-data.

Issa, sakemm ma jissemmewx dati, dan ix-xenarju spjegat minn dan ix-xhud, jider li huwa *ictu oculi*, wiehed accettabbli. Izde meta wiehed jindaga aktar fid-dettal dwar id-dati u perijodu allegat minn dan ix-xhud, isib illi dak allegat in effetti huwa insostenibbli. F'dan l-istadju l-esponent jirreferi ghad-deposizzjoni guramentata ta' Enzo Pulis ta' nhar it-8 ta' Ottubru 2001 moghtija quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Fit-tieni pagna l-imsemmi xhud jghid li kien nizel hdejn it-Track Bar ma' certu Marco Risiott, sabu lill-Parapettu u dan Parapettu ta lil Enzo Pulis b'ghaxar liri eroina wara li allegatament dan Parapettu mar hdejn l-esponent. Enzo Pulis gie mistoqsi:

‘Qorti : Meta kien dan bejn wiehed u iehor.

Xhud : Ezatt ma niftakarx.
*****
*****
Xhud : Xi erbat ijiem qabel ma gejt arrestat.'

Issa jirrizulta li dan ix-xhud kien gie arrestat fis-26 ta' Dicembru 1997. Allura wiehed jistaqsi, la darba l-okkazjoni ma' dan il-Parapettu kienet nhar it-22 ta' Dicembru 1997, erbat ijiem qabel ma gie arrestat, kif jista' jkun li l-esponent jinstab hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, meta suppost u skond l-istess xhud, l-esponent dahal fix-xena wara dak l-episodju meta Enzo Pulis iltaqa' mal-Parapettu?

Inotre, il-fatt allegat minn dan ix-xhud li certu Parapettu avvicina lill-esponent qabel ma l-imsemmi Parapettu ipprokura droga eroina lil Enzo Pulis, ma jfisser xejn fil-konfront ta' l-esponent. Assunzjonijiet gratuwiti mhumiex accettabbli fil-kamp penali. Huma l-fatti konkreti li jghoddu. Fil-konkret, *dato ma non concesso*, li l-Parapettu resaq hdejn l-esponent, huwa fatt li ma jaghmilx prova kontra l-esponent fir-rigward ta' traffikar ta' droga. Apparti naturalment il-konsiderazzjoni importanti li dan l-allegat Parapettu qatt ma ttella' jixhed biex jissostanzja dak li kien qed jghid Enzo Pulis."

Permezz tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet l-appellant gie akkuzat illi kellu fil-pussess tieghu u illi forna jew ipprokura d-droga eroina fit-22 ta' Dicembru 1997 u l-hames xhur ta' qabel. Huwa minnu illi l-ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-verzjonijiet moghtija minn Enzo Pulis u l-appellant, izda wara li din il-Qorti ezaminat ghal diversi drabi x-xhieda prodotti, ikollha tistqarr li baqaghlha dak il-*lurking doubt* dwar il-kolpevolezza ta' l-appellant fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet li jirreferu ghat-22 ta' Dicembru 1997 u l-hames xhur ta' qabel. Naturalment dan il-perijodu huwa bazat fuq dak li qal Enzo Pulis wara li biddel l-ewwel verzjoni li kien ta lill-Pulizija fejn indika li kien akkwista droga minghand wiehed iswed jghidulu "Mamu". Meta Pulis biddel il-verzjoni, qal li kien akkwista droga minghand wiehed Parapettu minn hdejn it-Track Bar, il-Marsa, wara li dan

Parapettu dahal f'jeep misjuq mill-appellant u ritorna hdejh. Pulis ma jghidx illi ra xi skambju ta' pakketti bejn l-appellant u Parapettu u ghalhekk certament il-fatt illi Parapettu mar fil-jeep ta' l-appellant ma jistax wahdu jikkostitwixxi xi prova illi d-droga gabha minghand l-appellant. Fit-tieni stqarrija tieghu li kkonferma bil-gurament, Pulis jghid ukoll illi sussegwentement beda jixtri direttament minghand l-appellant fil-garaxx li kellu. F'din l-istqarrija, li saret fl-24 ta' Jannar 1998, Pulis jghid li ilu jixtri minghand l-appellant "ghal dawn l-ahhar hames xhur" izda mbaghad jghid li l-ahhar li kien xtara fit-22 ta' Dicembru 1997. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, Pulis jirreferi ghall-incident ta' hdejn it-Track Bar bhala li sehh xi erbat ijiem qabel ma nqabad – mill-atti jidher li gie arrestat fis-26 ta' Dicembru 1997 – imbaghad fuq mistoqsija tal-Qorti jekk hux xi erbat ijiem qabel ma gie arrestat, wiegeb: *"Ehe xi erbat ijiem, le le ma niftakarx ezatt"*. Din il-Qorti hi tal-fehma li, minhabba l-mod kif biddel il-verzjonijiet u minhabba wkoll tfixkil fid-dati, Enzo Pulis mhuwiex xhud li hija tista' tistrieh fuqu minghajr ma ssib xi elementi korroborattivi ohra.

L-ewwel Qorti mbaghad qalet illi l-unika kontradizzjoni fid-difiza huwa l-kelma "Le" li l-appellant qal bil-gurament meta mistoqsi mill-avukat difensur tieghu. Pero` jirrizulta illi l-appellant ikkonferma wkoll bil-gurament l-istqarrijiet tieghu. Fl-istqarrija tieghu tal-25 ta' Marzu 1998 insibu dan il-bran:

"M: Matul is-sena 1997, int qatt bieghet jew tajt id-droga eroina lil xi hadd?
R: La qabel u l-anqas wara.
M: Jekk nghidlek li hemm xi xhieda li qalu li dawn kienu jixtru d-droga eroina minghandek. Xi tghid?
R: Mhux veru.
M: Jekk nghidlek ukoll li dawn ix-xhieda mhux biss ghamlu stqarrija f'dan is-sens, izda wkoll ikkonfermaw dak li qalu bil-gurament, quddiem Magistrat. Xi tghid?
R: Jghidu li jridu huma, hu.
M: La qed tghid lid ak li qalu dawn ix-xhieda mhux veru, ghaliex tahseb li dawn qeghdin jghidu dak li qalu?
R: Forsi hemm xi hadd li jhobbni hux. Jixtieqli l-gid."

Fit-tieni stqarrija tieghu tas-26 ta’ Marzu 1998 ikkonferma l-kontenut ta’ l-istqarrija precedenti u gie interrogat dwar il-garaxx tieghu u dak li nstab go fih.

Jigifieri l-appellant baqa’ konsistentement jichad illi huwa biegh l-eroina lil xi hadd. U dan igibna ghal konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni fejn l-appellant gie akkuzat illi fil-25 ta’ Marzu 1998 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina f’cirkostanzi li juru li din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi dwar l-ewwel imputazzjoni kienet qed issib htija biss ghal pussess semplici u mhux pussess bl-imsemmi aggravju.

Nonostante s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant fir-rikors ta’ appell, din il-Qorti tqis inverosimili li ma kienx jaf b’dak li kien hemm fil-garaxx u l-ewwel Qorti korrettement sabitu hati ta’ pussess semplici. Aktar u aktar meta kien hemm konferma minn xhud tad-difiza stess – Karm Borg, manager mal-CARITAS – li stqarr li l-appellant kien ghamel il-programm ta’ rijabilitazzjoni fl-1994 izda “erba’ snin wara rega’ rrilapsja”. Dan ifisser li fl-1998 l-appellant kien rega’ beda jaghmel uzu mill-eroina. Kieku Enzo Pulis kellu jitwemmen li kien jixtri d-droga minghand l-appellant mill-garaxx tieghu, is-sejbien ta’ eroina fil-garaxx ta’ l-appellant kellu jaghti lok ghal sejbien ta’ htija skond l-ewwel imputazzjoni <u>kif dedotta</u>. Jigifieri b’hekk giet messa in dubbju l-kredibilita` ta’ Pulis mill-ewwel Qorti stess.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jkollha tiddikjara bhala *unsafe* s-sejbien ta’ htija dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u ghalhekk sejra tirriforma s-sentenza appellata kif ser jinghad.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dawk iz-zewg imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha

wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sena u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------